Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAS-SITT LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 27 ta' Gunju 2012 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

## 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI.

Il-minuti ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet: il-kelma fqar tigi sostitwita bil-kelma nuqqas. Gie suggerit li flok il-kelma safa din tinbidel f'sewa imma wara ragunament gie deciz li fil fatt dawn ifissru l-istess u ghalhekk ha tibqa kif inhi. F'item 5 wara s-Sur Spiteri propona tizdied, is-Sur Bonnici ssekonda.

## 2. KORRISPONDENZA

🗁 Email minghand is-Sur Peter Mamo li nqrat kollha waqt il-laqgha tal-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li ma jaccettax dawn it-tip ta' ittri hamalli minghand residenti u li din ghandha tinghata l-Avukat taghna biex jiktiblu formalment.

🗁 E-mail minghand socjeta tar-Rugby rigward talba ghall-affiljazzjoni. Dawn ha jittranjaw fil-Klabb tal-Futbol u kull ma jridu huwa rikonoxximent biss. Din it-talba giet milqugha.

🗁 Email minghand is-Sur Keith Gauci sabiex jigi rikonoxxut bhala persuna li tissupplixxi s-servizz ta' ambulanza waqt attivitajiet. Il-Kunsill ha jzomm l-informazzjoni fuq is-Sur Gauci ghal konsiderazzjoni futura.

🗁 E-mail minghand MEUSAC rigward 'Expression of Interest Priority Access 6 – Urban Regeneration and Improving the qualilty of life'. Wara li din l-email gie miflija, ma rrizultaz li wiehed hemm wisq fejn japplika. Is-Sur Remigio Bartolo tenna li trid tigi miflija c-check list u jsir appuntament ma MEUSAC sabiex issir lista ta' prioritajiet.

🗁 Ittra minghand il-Housing Authority Scheme 1 sabiex ikunu jafu fiex wasal il-progett ta' madwar il-qasam tal-bini tal-gvern. Ghandha tohrog it-tender dalwaqt.

🗁 Ittra minghand l-Attard Ladies Cultural Club rigward talba ghal ghajnuna finanzjarja. Is-Sur Cordina ghandu jkellem lir-rapprezentat tal-klabb sabiex jara x'tinkorpora din it-talba.

🗁 Rapport prezentat mis-Sur Ralph Cassar rigward traffic management.

🗁 Email minghand Simon Cauchi rigward l-LES Service Contract Regions.

🗁 Memo 27/12 – Skema Life Long Learning – Il-Kunsill ha japplika ghal dawn is-suggetti: Taljan, Franciz, Spanjol u Germaniz.

🗁 Memo 17/12 – Skema EGov4U – Din ha tintbaghat lis-Sur Ray Abela sabiex japplika ghan-nom taghna.

🗁 Memo 26/12 – Car Free Day – Gie suggerit mis-Sur Ralph Cassar li ssir bike ride.

🗁 Email minghand is-Sur Alexander Lautier rigward il-Mobile Blood Donation Unit sabiex dan jitqieghed fit-Triq San Anton quddiem Roseville, il-Hamis 12 ta' Lulju 2012. Din it-talba ma gietx milqugha minhabba l-ispazju u minflok gie suggerit li jitpogga xi gurnata l-Hadd hdejn il-Bank of Valletta
🗁 Kopja ta' ittra minghand Emmanuel Grech rigward traffic junction fi Triq il-Linja. Din l-area imsemmija ghadha mmarkata fuq l-iskema bhala green area u ghaldaqstant qabel il-Kunsill jircievi struzzjonijiet ulterjuri ma tantx hemm wisq iktar x'jista jsir.

Is-Sur Alfred Zammit skuza ruhu f'dan il-mument u halla l-kamra minhabba mpenji ohra li hu kellu u li ma setax jahrab minnhom.

**3. RIZOLUZZJONI**

Is-Sur Cordina qal li din tikkoncerna l-problema ta' gharghar fil-basement tal-Prim Imhallef Vincent De Gaetano. Wara li din ir-rezoluzzjoni inqrat u gie issekondata mis-Sur Marco Spiteri, ghaddiet unanimament biss abbazi li din tkun (payment is in full and final settlement).

**4. GBIR TA' SKART**

Is-Sur Cordina qal li is-sistema ta' gbir ta' skart mhiex qed tiffunzjona sewwa minhabba li skond it-tender suppost jingabar skart domestiku biss u kif fil fatt qed jigri f'H'Attard u bosta rhula ohra, qed jingabar xi skart kummercjali wkoll. Dan naturalment qed izid il-piz b'mod ezagerat u l-hwienet mhumiex qed ikunu inkoragguti jirreciklaw. Is-Sur Remigio Bartolo qal li trid issir laqgha mal-kuntrattur fejn trid tingibidlu l-attenzjoni li hemm nuqqas fil-kuntratt tieghu li jista jkun mhux gej direttament minnu. Is-Sur Marco Spiteri qal li ghandha tintbaghtlu ittra ufficjali fuq dak li qed jigri. Is-Sur Gerry Borg tenna li qed jingabar skart f'kaxex tal-kartun u li ghalhekk il-Kunsill ghandu jibghat ghalih filwaqt li tinhareg ittra ufficjali lil-hwienet kollha li skart kummercjali ghandu jingabar privatament u mhux mill-istess kuntrattur taghna kif filfatt qed isir, avolja l-istess kuntrattur qed inaqqas il-piz mill-kont tal-Kunsill. Is-Sur Marco Spiteri kien skrupluz hafna fuq kif wiehed ha jikkontrolla lid an l-iskart mhux ha jibqa jingabar ma' l-iskart domestiku. Hu wera wkoll id-dizappunt tieghu li ma ingibditx l-attenzjoni fuq din il-materja minn naha tas-Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ma l-ghoti tat-tender, hi kienet fil fatt ippruvat tigbed l-attenzjoni li ha jkun hemm dil-problema u kienet lestiet draft ta' ittra li kellha tigi cirkolata lill-entitajiet kummercjali pero hi kienet mizmuma milli taghmel dan diversi drabi u naturalment l-ebda procedimenti ulterjuri ma reggghu ittiehdu sa dan il-mument.
Gie deciz ghalhekk li il-Kunsill ikellem lil Greenpak biex wiehed jara jistax jingabar l-iskart riciklat ta' dawn l-entitajiet, jigu nfurmati r-residenti li skart riciklat ma jingabarx it-Tnejn, l-Erbgha, l-Gimgha u s-Sibt, isir kalendarju bid-dati u leaflet informattiv ta' kif ha jigi kkontrollat il-gbir ta' skart domestiku u riciklat. Il-Kuntrattur irid jigi nfurmat li skart kummercjali ma jistax jingabar mal-piz/skart taghna, zibel fuq central strips naturalment irid jingabar u jekk jista jkun ikun hemm contracts management kif semma s-Sur Spiteri li jiehu hsieb jikkontrolla dan is-servizz. Is-Sur Gerry Borg semma wkoll il-gbir ta' skart wara l-monti ta' nhar ta' Hadd f'Ta' Qali u qal li dan mhux suppost jingabar. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li din l-area hi devoluta lilna w'ghaldaqstant dan ghandu jingabar mill-Kunsill u li s'issa ma kien hemm qatt l-ebda indikazzjoni li dan l-iskart ghandu jingabar minn xi Ministeru jew li fil-White Paper se tiddahhal xi forma ta' mizata. Is-Sur Borg qal li l-Kunsill tar-Rabat ghandhom sistema ta' kif jingabar l-iskart wara l-monti tal-Hadd, u lid an jingabar mill-bejjiegha infushom, minhabba li tali area hija assenjata lil Kunsill u ghaldaqstant hi fir-responsabbilta tal-Kunsill li l-area titnaddaf wara.. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-Kuntrattur jiehu Euro 25 ghal kull darba li jmur bi spiza ta' Euro 1670 fis-sena. Ha jsir kuntatt mal-Kunsill tar-Rabat

**5. SKEDA TA' KNIS**

Is-Sur Cordina qal li hemm xi nuqqasijiet fl-iskeda tal-knis minhabba li certu toroq ma jifilhux jinkinsu darba fil-hmistax. Is-Sur Bartolo issekonda dan u qal li certu toroq bhal Triq il-Pitkali ma jifilhux jinkinsu darba fil-hmistax. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dan jghodd ukoll ghat-toroq Linja, Mosta, Ghenba, Hal Warda, minhabba l-akkumulu ta' hmieg

specjalment fi Triq Hal Warda fejn hemm is-sigar. Is-Sur Ralph Cassar zied ukoll li fi Triq l-Istwiel qed jigri l-istess. Is-Sur Gerry Borg qal li meta hu hadem l-iskeda hadimha b'tali mod li din tkun tiflah tigi mahduma ghax kif kienet qabel zgur li ma kienx jista jkun li certu toroq u l-kwantita li hemm jinkinsu darba fil-gimgha jew sahansitra tlett darbiet fil-gimgha. Jibqa l-fatt, tenniet is-Segretarju Ezekuttiv li jekk dan hu minnu xorta hemm problema li issa certu toroq ma jifilhux jistennew hmistax. Ghandhom isiru xi arrangamenti sabiex tigi aggornata l-iskeda.

**6. 70 sena Anniversarju Konvoj Santa Marija**

Is-Sur Remigio Bartolo qal li din hija xi haga zghira li ma tiswiex flus u li tista ssir esibizzjoni ta' ritratti li hu gab mid-DOI. Is-Sur Ralph Cassar qal li hu sab xi hames ritratti li jiswew ghoxrin sterlina u li s-Sur Imanuel Mifsud lest li jaghmel hsieb zghir fuqhom. Is-Sur Charlie Camilleri offra li din l-esibizzjoni issir fil-foyer tal-kazin u l-ftuh isir bejn l-10 ta' Awissu u s-16 ta' Awwissu. Is-Sur Remigio Bartolo kompla billi qal li jistghu isiru pannelli u ssir cerimonja zghira bi tqeghid ta' kuruna mal-monument tal-Gwerra. Is-Sur Ralph Cassar fakkar li l-bust ghandu bzonn ir-restawr u li l-ismijiet ta' Gieh H'Attard precedent huma neqsin. Ghad-disinn jistghu jigu nfurmati Outlook Coop. Is-Sur Remigio Bartolo issuggerixxa li jingabru tlett stimi ta' kumpaniji bhal Borg Event ecc, jigu ezibiti 15-il ritratti fuq pannelli bid-dawl u bil-logos bhalma kien ghamel hu f'attivita precedent tieghu.

**7. PUNTI MQAJJMA**:

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq il-pjan Mobilita
- Fuq il-kawza tal-barriera
- Li jsir tindif bl-idejn ta' Wied Irmiedi.

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Jum H'Attard qal li kien milqugh tajjeb u attivita zghira u helwa
- Ġnien Hal Warda ghandu jitkompla x-xoghol u li ghandhom laqgha mal-Kuntrattur nhar il-gimgha minhabba li fadal it-turgien, il-gradi u l-arbli tad-dawl
- Li l-hofra fil-bir hdejn il-qasam tal-bini tal-Gvern tinsab lesta u kompluta

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Li qed jahdem fuq il-gemellagg ma' Elancourt, pajjiz ta' 28,000 ruh fi Franza u li ghandu kuntatt mal-ambaxxatur Malti t'hemmhekk. Qal li l-ambaxxatur Malti ser ikun Malta fil-granet li gejjin u li ser jiltaqa' mieghu f'attivita privata sabiex jiddiskutu dan il-gemellagg. Tenna wkoll li hu jixtieq li jaslu f'dan il-gemellagg minhabba li din il-Belt kienet diga bdiet proceduri ta' gemellagg ma' B'Kara u qatt ma waslu.
- Fakkar fuq il-petizzjoni ta' l-istorbju u staqsa jekk kienx hemm respons. Sa dil-gurnata ir-respons kien fqir hafna.
- Qali li f'kemm ilu fil-Kunsill, kien diversi drabi jisma fuq il-kaz tal-part-timer Julie Cachia u li kien ghalhekk li ddecieda li jidhol fiha hu personali sabiex ma nibqghux sejrin kull laqgha insemmu li din l-individwa. Hu qal li din il-persuna ilha part-timer maghna ghal dawn l-ahhar sentejn u kienet qed tahdem Sibtijiet biss u tidhol fost il-gimgha meta xi hadd mill-iskrivani jkun bil-leave jew bis-sick. Wara konsultazzjoni mas-Segretarju Ezekuttiv irrizulta li l-hlas lis-Sinjura Julie Cachia qed ikun ferm iktar milli kieku din tahdem l-ghoxrin siegha li titlob part-time bi ftit iktar flus minn tas-Sibtijiet biss. Ghaldaqstant hu jqis li b'inqas flus nistghu niehdu iktar sieghat milli kif prezentament qed isir u tithallas bir-rata tal-istess Sibtijiet. Hu ssuggerixxa li din taqleb ghal ghoxrin siegha fissi fil-gimgha inkluz is-Sibtijiet u b'hekk il-Kunsill ikun qed jiffranka madwar tlett mitt Ewro u jiehu iktar xoghol f'rizorsi umani. Talab jekk il-Kunsill prezenti jaqbilx ma' dan. Kulhadd prezenti qabel li s-Sinjura Julie Cachia ghandha taqleb fuq skala 15 b'mhux iktar minn ghoxrin siegha fil-gimgha.

Is-Sur John Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Li jinqata' il-qasab fi Triq ir-Ruzell
- Li ssir MC bay fuq in-naha tax-xellug ta' Triq il-Qarsajja. Is-Sur Cordina issuggerixxa li ssir l-istess in-naha l-ohra.
- Staqsa fuq it-tender ta' Triq Xatbet l-Art. Is-Sur Cordina hu nfurmat li il-procediment fuq din it-tender ghaddejjin.
- Li hemm tappiera hdejn Mount Carmel fi stat dizastruz hafna, sabiex din titranga.
- Fiex waslet it-Tender ta' hdejn il-qasam tal-bini tal-Gvern. Jonqos l-ahhar ftit sabiex din titlesta

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Li tinkiteb ittra lill-iskola Primarja Tumas Dingli sabiex dawn jisseparaw l-iskart

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Fi Triq Haz-Zebbug ghad-direzzjoni lejn H'Attard hemm sigra fil-wied li qed tghatti t-tabella ta' H'Attard. Biex tinzabar bis-sengha.
- Sit ta' kostruzzjoni fi Triq Santa Katerina li qed ikun ta' periklu ghax qed jostakola l-bankini u minhabba f'hekk ikollok timxi fit-triq.

**7. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.30pm għas-18 ta' Lulju fis-6pm.

________________________ ____________________

Sindku Data